Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0268

In-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) (COM(2023)0532 – C9-0341/2023 – 2023/0321(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0532),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0341/2023),

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivatippreżentati mill-Parlament Svediż, il-Parlament Malti, u l-Kmamar tal-Parlament Irlandiż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta’ att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 84 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

 wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0194/2025),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed

mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1
Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma’ sistema tat-taxxa korporattiva differenti f’kull Stat Membru li joperaw fih.	(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma’ sistema tat-taxxa korporattiva differenti f’kull Stat Membru li joperaw fih. ***Pereżempju, fl-2023, skont ir-Rapport Annwali tal-2024 dwar it-Tassazzjoni, ir-rati statutorji tat-taxxa korporattiva kienu jvarjaw bejn l-Istati Membri minn 10 % sa 31,5 % (u bejn 9 % u 29 %, meta jitqiesu l-iskemi ta’ għajnuna fiskali stabbiliti mill-gvernijiet).***

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta’ 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***jwasslu*** għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***jwasslu*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. ***Dan sar***	(2) L-eżistenza ta’ 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***twassal*** għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***twassal*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***, u tista’***

aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b’mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta’ negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta’ prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma’ kostijiet għoljin tal-konformità.

twassal għal taxxa doppja, evitar tat-taxxa u nontassazzjoni doppja**. **Skont ir-Rapport Annwali tal-2024 dwar it-Tassazzjoni, it-telf fid-dħul minħabba t-trasferiment tal-profitti korporattivi kien stmat li kien jilħaq l-20 % tad-dħul kollu mit-taxxa korporattiva miġbur fl-2022 fl-Unjoni, li jammonta għal madwar EUR 100 biljun f’valur nominali. Dawk il-fenomeni saru aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b’mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta’ negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta’ prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma’ kostijiet għoljin tal-konformità***, li jista’ jkollhom impatt fuq l-investimenti transfruntieri. Tali kumplessità tista’ xxekkel l-espansjoni tan-negozji fis-suq intern, b’impatti negattivi ulterjuri fuq l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi. Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ komuni, mhux biss biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta u effettiva, iżda wkoll biex jissaħħu l-integrità u l-kompetittività tal-kumpaniji li huma attivi fis-suq intern.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa ***u*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ***biex jiġi appoġġat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, l-ambjent tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni jenħtieġ li jissawwar f'konformità mal-prinċipju li l-kumpaniji jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fil-ġuriżdizzjoni(jiet) fejn jiġu ġġenerati l-profitti tagħhom. Għalhekk,*** ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa***, jitnaqqas il-piż amministrattiv,*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta***, tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-kumpaniji li joperaw b' mod transfruntier, u jiġi miġġieled l-evitar tat-taxxa. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali armonizzazzjoni jenħtieġ li jkun strettament limitat għall-kriterji u l-entitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, filwaqt li r-rata tat-taxxa u l-politiki ta' infurzar jibqgħu f'idejn l-Istati Membri, fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523[1a].***

_____

[1a]. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj).

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-armonizzazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva permezz ta' sett komuni ta' regoli ttejjeb it-trasparenza, u b'hekk trawwem ambjent tat-taxxa aktar ġust u aktar b'saħħtu fl-Unjoni, li huwa mirfud b'mod partikolari bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2022/2523 dwar livell minimu globali ta' tassazzjoni, u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività ġenerali tal-Unjoni kif ukoll għall-impenn tal-Unjoni għal standards maqbula internazzjonalment.

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġu evitati l-piżijiet amministrattivi eċċessivi minn fuq il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali,

	jenħtieġ li din id-Direttiva timmira għall-koerenza mal-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'mod partikolari dawk segwiti mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, inklużi l-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru, filwaqt li tqis ukoll il-pożizzjonijiet adottati mis-sħab internazzjonali ewlenin u mill-Istati Membri, inklużi d-deċiżjonijiet li jirrispettaw l-impenji maqbula jew li jeżentaw ruħhom minnhom. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-Unjoni żżomm biżżejjed flessibbiltà biex tiddetermina l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni tagħha stess, fejn meħtieġ, sabiex tnaqqas il-piżijiet tal-konformità u timmitiga r-riskju ta' tassazzjoni doppja jew multipla.

Emenda 6
Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-koerenza u l-allinjament ta' din id-Direttiva mar-Regoli Mudell tal-OECD/G20 u mad-Direttiva (UE) 2022/2523. Kull fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jinterpretaw il-kunċetti f'din id-Direttiva fid-dawl tal-prinċipji u r-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2523.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli biex in-negozji jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b' mod*** transfruntier u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż jiġu inkoraġġiti li jagħmlu hekk. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali mistenni jirriżulta ***f' ċertezza*** tat-taxxa msaħħa u ***inqas tilwim*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b' mod*** determinat id-distorsjonijiet u jnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' taxxa doppja u ta' ***taxxa żejda***. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu servizzi pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli biex in-negozji jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b'mod*** transfruntier u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż jiġu inkoraġġiti li jagħmlu hekk ***u biex tiġi inkoraġġita l-intraprenditorija fis-suq intern***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali ***huwa*** mistenni jirriżulta ***f'ċertezza*** tat-taxxa msaħħa u ***f'anqas tilwimiet*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b'mod*** determinat id-distorsjonijiet u jnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' taxxa doppja u ta' ***nontassazzjoni. Dan jimplika wkoll anqas opportunitajiet biex jiġu abbużati xi dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi tat-taxxa f'kuntest pan-Ewropew.*** Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp***, fis-sigurtà u d-difiża, u fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik soċjali*** u sabiex jipprovdu servizzi pubbliċi***, speċjalment għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, huwa essenzjali li jitfasslu***

	regoli għad-determinazzjoni tal-profitti fl-Unjoni li mhux se jirriżultaw fi dħul aktar baxx għall-IstatiMembri. Barra minn hekk, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalkemm il-livell limitu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-dħul kombinat tal-grupp fuq bażi globali, il-mandat tad-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkun limitat għall-membri tal-grupp li joperaw fis-suq intern billi d-dritt tal-Unjoni japplika biss fl-Unjoni u ma jobbligax lil Stati mhux Membri. Għalhekk, jenħtieġ li jkun affettwat biss is-subsett tal-Unjoni ta' tali grupp. Dan ikun jinkludi kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fi Stat Membru kif ukoll l-istabbilimenti permanenti fl-Unjoni ta' kumpaniji f'pajjiżi terzi tal-istess grupp. ***Meta wieħed iqis li l-kunċett ta' stabbiliment permanenti huwa ttrattat fi ħdan it-trattati bilaterali dwar it-taxxa u l-liġi nazzjonali u għalkemm id-definizzjoni għandha xi prinċipji komuni, għad hemm grad ta' diverġenza madwar id-dinja. Konsegwentement, ikun approċċ pragmatiku li wieħed***	(7) Għalkemm il-livell limitu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-dħul kombinat tal-grupp fuq bażi globali, il-mandat tad-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkun limitat għall-membri tal-grupp li joperaw fis-suq intern billi d-dritt tal-Unjoni japplika biss fl-Unjoni u ma jobbligax lil Stati mhux Membri. Għalhekk, jenħtieġ li jkun affettwat biss is-subsett tal-Unjoni ta' tali grupp. Dan ikun jinkludi kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u l-istabbilimenti permanenti tagħhom***, inkluża kwalunkwe preżenza ekonomika sinifikanti,*** li joperaw fi Stat Membru kif ukoll l-istabbilimenti permanenti fl-Unjoni ta' kumpaniji f'pajjiżi terzi tal-istess grupp.

jibbaża fuq it-trattati eżistenti dwar it-tassazzjoni doppja u r-regoli nazzjonali tal-Istati Membri, aktar milli jipprova armonizzazzjoni sħiħa permezz tad-dritt sekondarju tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-Unjoni tmexxi u tipparteċipa b'mod attiv f'diskussjonijiet internazzjonali dwar kif it-tassazzjoni korporattiva internazzjonali tista' tiġi adattata għall-futur inkluż bil-promozzjoni ta' forma ta' armonizzazzjoni tar-regoli u l-allokazzjoni tal-bażi taxxabbli għall-kumpaniji multinazzjonali kbar.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi regoli li jestendu l-kunċett ta' stabbiliment permanenti sabiex jinkludi preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha jitwettaq negozju kompletament jew parzjalment. L-objettiv sottostanti huwa li tittejjeb ir-reżiljenza tas-suq intern kollu kemm hu sabiex jiġu

	indirizzati l-isfidi tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali. L-importanza akbar tas-servizzi, aċċellerata bid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, wasslet għal proposti reċenti, kif inkorporati fil-proposta tal-Ewwel Pilastru tal-OECD/G20, biex preżenza ekonomika sinifikanti tiġi definita bħala rabta taxxabbli bbażata fuq limitu purament kwantitattiv ta' bejgħ fi kwalunkwe pajjiż partikolari sabiex jiġu koperti s-setturi kollha u tiġi żgurata s-sempliċità. Dak l-objettiv ma jistax jintlaħaq biżżejjed permezz tal-azzjoni individwali tal-Istati Membri peress li n-negozji diġitali għandhom il-kapaċtà li joperaw b'mod transfruntier mingħajr ma jkollhom l-ebda preżenza fiżika f'ġuriżdizzjoni u għalhekk huma meħtieġa regoli biex jiġi żgurat li n-negozji diġitali jħallsu t-taxxi fil-ġuriżdizzjonijiet fejn jagħmlu l-profitti, kemm jekk billi jipprovdu servizzi jew billi jbigħu prodotti ("bejgħ").

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Sabiex tiġi prevista definizzjoni robusta ta' rabta taxxabbli ta' negozju fi Stat Membru, irrispettivament minn jekk in-negozju huwiex diġitali, huwa meħtieġ li tali definizzjoni tkun ibbażata fuq id-dħul minn kwalunkwe

bejgħ, inkluż mis-servizzi diġitali fornuti. Id-definizzjoni inkluża f'din id-Direttiva hija identika għad-definizzjoni maqbula fil-qafas tal-proposta tal-Ewwel Pilastru tal-OECD/G20, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn din id-Direttiva u dak il-qafas internazzjonali. Jenħtieġ li l-Unjoni tmexxi bl-eżempju fid-diskors tar-riforma tat-taxxa internazzjonali sabiex tipprovdi ċertezza lill-kontribwenti. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet biex tappoġġa adattamenti għall-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja tal-Istati Membri ma' ġuriżdizzjonijiet mhux tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li l-kunċett ta' stabbiliment permanenti, inkluża preżenza ekonomika sinifikanti, u r-regoli relatati dwar l-attribuzzjoni tal-profitt jiġu applikati b'mod konsistenti mal-istandards maqbula internazzjonalment.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-objettiv tas-simplifikazzjoni tar-regoli kurrenti jenfasizza l-inizjattiva prevista. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli dwar il-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa jinbnew billi tiġi applikata serje limitata ta' aġġustamenti tat-taxxa għar-	(9) L-objettiv tas-simplifikazzjoni tar-regoli kurrenti jenfasizza l-inizjattiva prevista***, billi jtejjeb l-effiċjenza u l-kompetittività tas-suq intern***. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli dwar il-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa jinbnew billi tiġi

rapporti finanzjarji ta’ kull membru tal-grupp. Dawn l-aġġustamenti limitati jirrappreżentaw aġġustamenti komuni li huma neċessarji sabiex ir-rapporti tal-kontabilità finanzjarja jiġu kkonvertiti f’bażi għat-taxxa. Meta titqies il-ħtieġa għall-allinjament mad-Direttiva (UE) 2022/2523, jenħtieġ li l-aġġustamenti jiġu adattati mill-ġdid ma’ dak il-qafas, li jenħtieġ li jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni għall-Istati Membri u għan-negozji li diġà jkunu familjari mal-prinċipji ġenerali.	applikata serje limitata ta’ aġġustamenti tat-taxxa għar-rapporti finanzjarji ta’ kull membru tal-grupp. Dawn l-aġġustamenti limitati jirrappreżentaw aġġustamenti komuni li huma neċessarji sabiex ir-rapporti tal-kontabilità finanzjarja jiġu kkonvertiti f’bażi għat-taxxa. Meta titqies il-ħtieġa għall-allinjament mad-Direttiva (UE) 2022/2523, jenħtieġ li l-aġġustamenti jiġu adattati mill-ġdid ma’ dak il-qafas, li jenħtieġ li jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni għall-Istati Membri u għan-negozji li diġà jkunu familjari mal-prinċipji ġenerali. ***F’dak il-qafas, jenħtieġ li jitqies il-ħlas tat-taxxa kumplimentari dovuta f’konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523 jew b’applikazzjoni ta’ taxxa kumplimentari domestika kwalifikata kif imsemmi f’dik id-Direttiva, jew kwalunkwe taxxa minima alternattiva oħra rikonoxxuta f’forum internazzjonali bħall-OECD.***

Emenda 13
Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba li, bl-għan li tinkiseb simplifikazzjoni, il-kontijiet finanzjarji jintużaw bħala punt tat-tluq għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa ta’ kull membru tal-grupp, huwa neċessarju li r-regoli tat-taxxa jiġu abbozzati b’tali mod li jibqgħu kemm jista’ jkun qrib il-kontabilità finanzjarja. Fil-każijiet li fihom dan ikun possibbli, it-trattament kontabilistiku	(10) Minħabba li, bl-għan li tinkiseb simplifikazzjoni, il-kontijiet finanzjarji jintużaw bħala punt tat-tluq għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa ta’ kull membru tal-grupp, huwa neċessarju li r-regoli tat-taxxa jiġu abbozzati b’tali mod li jibqgħu kemm jista’ jkun qrib il-kontabilità finanzjarja. Fil-każijiet li fihom dan ikun possibbli, it-trattament kontabilistiku

finanzjarju ta’ assi jew ta’ obbligazzjoni ma jinbidilx għall-finijiet tat-tassazzjoni u, konsegwentement, ma jkun meħtieġ l-ebda aġġustament. Għaldaqstant, huwa neċessarju wkoll li, f’konformità mar-raġunament tat-tassazzjoni, elementi oħrajn tal-bażi għat-taxxa jiġu ttrattati għall-finijiet tat-taxxa b’mod differenti meta mqabblin ma’ kif jiġu kkwalifikati taħt il-kontabilità finanzjarja.	finanzjarju ta’ assi jew ta’ obbligazzjoni ma jinbidilx għall-finijiet tat-tassazzjoni u, konsegwentement, ma jkun meħtieġ l-ebda aġġustament. Għaldaqstant, huwa neċessarju wkoll li, f’konformità mar-raġunament tat-tassazzjoni, elementi oħrajn tal-bażi għat-taxxa jiġu ttrattati għall-finijiet tat-taxxa b’mod differenti meta mqabblin ma’ kif jiġu kkwalifikati taħt il-kontabilità finanzjarja. ***Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prattiki tat-taxxa internazzjonali bħal dawk fl-ambitu tal-qafas tat-Tieni Pilastru, din id-Direttiva jenħtieġ li tippermetti flessibbiltà akbar fl-għażla tal-istandards kontabilistiċi finanzjarji użati biex jiġi ddeterminat ir-riżultat preliminari tat-taxxa.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a)Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta’ qafas tat-taxxa simplifikat u sabiex din id-Direttiva tikkomplementa b’mod adegwat lid-Direttiva tal-Kunsill (UE) .../...[1a+], ir-regoli stabbiliti f’din id-Direttiva dwar id-deduċibbiltà tal-imgħax jenħtieġ li jallinjaw ma’ dawk previsti fid-Direttiva (UE) .../...[++], fejn applikabbli.
	[1a] Direttiva tal-Kunsill (UE) .../... ta’ ... dwar l-istabbiliment ta’ regoli dwar remissjoni li

tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva (ĠU L , ..., ELI: ...).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2022/0154 (CNS) u daħħal in-numru, l-isem, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument 2022/0154(CNS).

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Sabiex jiġi ggarantit livell minimu ta' tassazzjoni tar-royalties, jenħtieġ li tiġi introdotta regola dwar il-limitazzjoni tar-royalties għall-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mar-Regola ta' Soġġett għat-Taxxa[1a] kif propost mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 fit-Tieni Pilastru.

[1a] OECD (2023). Tax Challenges Arising from the Digitalisation of the Economy – Subject to Tax Rule (Pillar Two): Inclusive Framework on BEPS, OECD/G20 Base Erosion and Profit Shifting Project, OECD Publishing (Sfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija

– Regola ta’ Soġġett għat-Taxxa (it-Tieni Pilastru): Qafas Inklużiv dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/9afd6856-en.

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c)Tassazzjoni aktar ġusta tal-introjtu passiv teħtieġ ukoll regoli robusti dwar il-Kumpaniji Barranin Ikkontrollati (CFC) għall-membri tal-grupp tal-BEFIT sabiex isiru aktar reżiljenti kontra t-trasferiment tal-profitti.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a)Sabiex jiġi inkoraġġit l-investiment, tinkiseb tranżizzjoni sostenibbli u tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tipprevjeni u tirrispondi għat-theddid u l-kriżijiet li qed jitfaċċaw, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw reġim ta’ deprezzament aċċellerat immirat biex jinċentivaw lill-

kumpaniji jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex iwettqu t-tranżizzjoni doppja u jrawmu r-reżiljenza tagħhom. Dak ir-reġim temporanju jenħtieġ li jistimula t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, joħloq l-impjiegi, isaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni, inkluż fis-settur diġitali u dak tal-enerġija, u jrawwem l-innovazzjoni f'teknoloġiji sostenibbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata l-inkarigu li tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għan li lil dawk l-inċentivi tirrendihom operattivi u tiżgura approċċ uniformi fis-suq intern kollu kemm hu.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, ***li*** jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta'	(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. ***Tali qafas jenħtieġ li jkun sempliċi għan-negozji u jenħtieġ li jevita li jimponi kwalunkwe piż ġdid fuqhom.*** L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, ***u dan*** jippermetti l-ħelsien minn taxxa ***b'limitu massimu*** għal telf transfruntier bejn il-membri tal-

tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. ***Dak*** il-mekkaniżmu permanenti ***jista'*** jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u ***jrendi*** inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas ***każijiet*** ta' taxxa doppja u ***żejda*** u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.

grupp ***tal-BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Il-mekkaniżmu permanenti ***jenħtieġ li*** jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim***, inklużi, iżda mhux biss, erba' settijiet ta' fatturi tanġibbli: ix-xogħol, l-assi, il-bejgħ u l-preżenza diġitali. Dan irendi*** inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT***, u għalhekk, inaqqas il-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għall-kumpaniji***. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas ***il-każijiet*** ta' taxxa doppja u ***ta' nontassazzjoni doppja*** u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa. ***Fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-iżviluppi fil-qasam tat-tassazzjoni internazzjonali u l-implimentazzjoni inċerta tal-Ewwel Pilastru minn ġurisdizzjonijiet ewlenin, huwa essenzjali li l-Unjoni tippreserva l-flessibbiltà hi u***

	tiżviluppa mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtonomu, ġust u ekonomikament ibbilanċjat.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. ***L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %.***	(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam***, pereżempju biex jiġġeneraw l-effiċjenza tar-riżorsi, jistimulaw l-investiment u joħolqu l-impjiegi***. ***Tali aġġustamenti addizzjonali jistgħu jinkludu tnaqqis***, ***allowances, krediti tat-taxxa jew miżuri nazzjonali oħra tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inklużi dawk li jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp jew objettivi ta' politika oħra, dment li tali miżuri japplikaw biss għas-sehem allokat tal-bażi għat-taxxa u ma jaffettwawx il-bażi għat-taxxa konsolidata jew il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni skont din*** id-Direttiva***. Madankollu, l-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni jenħtieġ li jiffokaw fuq inċentivi fiskali***

	bbażati fuq l-input. L-Istati Membri jenħtieġ li joqogħdu lura milli joffru inċentivi fiskali bbażati fuq l-output bħal sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi u sistemi oħra ta' proprjetà intellettwali.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a)Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-koerenza u l-allinjament ta' din id-Direttiva mar-Regoli Mudell tal-OECD/G20 u mad-Direttiva (UE) 2022/2523, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalkolu tar-rata tat-taxxa effettiva fuq bażi ta' kull pajjiż għalih, li jista' jiġi imminat mill-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT previst f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik id-dimensjoni tiġi vvalutata fir-reviżjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Xi Stati Membri joperaw sistemi tat-taxxa korporattiva li huma mibnijin fuq prinċipji li jvarjaw mill-aktar approċċ komuni, bħas-sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni.	(15) Xi Stati Membri joperaw sistemi tat-taxxa korporattiva li huma mibnijin fuq prinċipji li jvarjaw mill-aktar approċċ komuni, bħas-sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni.

Għalhekk, huwa ta’ importanza assoluta li jiġu stabbiliti l-aġġustamenti neċessarji, sabiex tiġi żgurata interazzjoni fattibbli ma’ dawk is-sistemi. Is-soluzzjoni tista’ tinstab f’ċerti aġġustamenti ta’ wara l-allokazzjoni. Dawn ikunu jinvolvu li l-parti li tiġi allokata lil membru tal-grupp fil-qafas ta’ sistema bbażata fuq id-distribuzzjoni jkollha tiġi mmodifikata fi proporzjon mad-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali. L-essenza ta’ sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni tinżamm bis-sħiħ, meta jitqies li d-distribuzzjoni timmarka punt ta’ żmien għat-tassazzjoni tal-parti allokata u, b’hekk, jiġi ddeterminat kemm minn din ikun jeħtieġ li jiġi intaxxat. F’dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst li jitħaddem mekkaniżmu ta’ riport, sabiex jiġi żgurat li l-parti allokata li ma tkunx intaxxata fis-sena kurrenti tkun taxxabbli fis-snin ta’ wara.	Għalhekk, huwa ta’ importanza assoluta li jiġu stabbiliti l-aġġustamenti neċessarji, sabiex tiġi żgurata interazzjoni fattibbli ma’ dawk is-sistemi ***u mhux tiġi introdotta kontradizzjoni bejn iż-żewġ sistemi, li tiskoraġġixxi l-ħolqien ta’ negozji***. Is-soluzzjoni tista’ tinstab f’ċerti aġġustamenti ta’ wara l-allokazzjoni. Dawn ikunu jinvolvu li l-parti li tiġi allokata lil membru tal-grupp fil-qafas ta’ sistema bbażata fuq id-distribuzzjoni jkollha tiġi mmodifikata fi proporzjon mad-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali. L-essenza ta’ sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni tinżamm bis-sħiħ, meta jitqies li d-distribuzzjoni timmarka punt ta’ żmien għat-tassazzjoni tal-parti allokata u, b’hekk, jiġi ddeterminat kemm minn din ikun jeħtieġ li jiġi intaxxat. F’dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst li jitħaddem mekkaniżmu ta’ riport, sabiex jiġi żgurat li l-parti allokata li ma tkunx intaxxata fis-sena kurrenti tkun taxxabbli fis-snin ta’ wara. ***L-inklużjoni possibbli ta’ sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi vvalutata wara 5 snin.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li	(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li

idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.

idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' ***kunfidenzjalità u ta' sigurtà, kif ukoll ta'*** koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin***, matul it-tranżizzjoni***, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li penali bħal dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li penali bħal dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dawk il-penali jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'rata minima ta' 0,1 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-***

	dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT kif xieraq u f'każ ta' rapportar ħażin apposta f'dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT.

Emenda 24
Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a)Pilastru ewlieni għat-titjib tal-konformità mar-regoli tat-taxxa korporattiva huwa l-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' punt uniku ta' servizz li tippermetti lin-negozji jissodisfaw l-obbligi tat-taxxa tagħhom madwar l-Istati Membri permezz ta' interfaċċa unika u simplifikata, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġi żgurat infurzar konsistenti, u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali fis-suq intern.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR 750 000 000 sakemm iħejju rapporti finanzjarji konsolidati u	(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR 750 000 000 sakemm iħejju rapporti finanzjarji konsolidati u

jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta’ daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b’attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni.	jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta’ daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b’attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni. ***Il-kumpaniji li jagħżlu li jkunu koperti b’din id-Direttiva jenħtieġ li jibbenefikaw mill-assistenza teknika tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex jikkonformaw mar-regoli l-ġodda u hekk irawmu l-attivitajiet transfruntieri tagħhom.***

Emenda 26
Proposta għal direttiva
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a)Sabiex tiġi ggarantita kooperazzjoni effiċjenti fost it-timijiet tal-BEFIT, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddedikaw riżorsi umani adegwati lit-tim tal-BEFIT, inkluż billi jipprovdu kontenut u taħriġ lingwistiku lir-rappreżentanti tat-tim tal-BEFIT u billi jserrħu fuq il-programm FISCALIS.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal numru ta’

	identifikazzjoni Ewropew komuni u armonizzat tal-kontribwenti. Dan mhux biss se jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u t-tim tal-BEFIT, iżda se jżid ukoll l-effiċjenza tal-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa fl-Unjoni.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a)F'konformità mal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti dwar riżorsi proprji ġodda stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 "Pakkett aġġustat għall-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji", parti mid-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tiġi allokata għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, f'konformità mal-proċeduri applikabbli skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053[1a].
	_____
	[1a] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2

020/2053/oj).

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) li jestendu l-kunċett ta' stabbiliment permanenti, biex jinkludi preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha negozju jeżerċita b'mod sħiħ jew parzjali l-attività tiegħu.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 sabiex temenda l-Annessi I u II ***bl-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni*** l-bidliet fil-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-forom ta' kumpaniji u tat-taxxi korporattivi.	8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 sabiex temenda l-Annessi I u II ***strettament biex tirrifletti*** l-bidliet fil-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-forom ta' kumpaniji u tat-taxxi korporattivi.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Preżenza ekonomika sinifikanti
	1. Għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, għandu jitqies li

jeżisti stabbiliment permanenti jekk teżisti preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha negozju jeżerċita b'mod sħiħ jew parzjali l-attività tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 għandu jiżdied ma' kwalunkwe kriterju ieħor, mingħajr ma jaffettwa jew jillimita l-applikazzjoni tiegħu, stabbilit fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, kemm speċifikament fir-rigward tal-forniment ta' servizzi diġitali u kemm b'mod ieħor.

3. Preżenza ekonomika sinifikanti għandha titqies li teżisti fi Stat Membru f'perjodu tat-taxxa jekk id-dħul totali derivat minn grupp tal-BEFIT minn dak l-Istat Membru jaqbeż il-EUR 1 000 000.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija dettaljata għar-regoli dwar il-provenjenza biex jiġi definit id-dħul. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

5. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet biex tappoġġa l-adattamenti għall-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja tal-Istati Membri ma' ġuriżdizzjonijiet mhux tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li l-kunċett ta' stabbiliment permanenti, inkluża preżenza

	ekonomika sinifikanti, u r-regoli relatati dwar l-attribuzzjoni tal-profitti jiġu applikati b'mod konsistenti mal-istandards maqbula internazzjonalment.

Emenda 32
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;	(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;

Emenda 33
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.	(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.

Emenda 34
Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4a. Meta ma jkunx raġonevolment prattikabbli li jiġi ddeterminat l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' entità kostitwenti fuq il-bażi tal-istandard kontabilistiku finanzjarju aċċettabbli jew l-istandard kontabilistiku finanzjarju awtorizzat użat fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-entità kostitwenti għas-sena fiskali jista' jiġi ddeterminat bl-użu ta' standard aċċettabbli ieħor tal-kontabilità finanzjarja jew ta' standard awtorizzat tal-kontabilità finanzjarja dment li:

(a) il-kontijiet finanzjarji tal-entità kostitwenti jinżammu fuq il-bażi ta' dak l-istandard kontabilistiku;

(b) l-informazzjoni li tinsab fil-kontijiet finanzjarji hija affidabbli; u

(c) id-differenzi permanenti ta' aktar minn EUR 1 000 000 li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' prinċipju jew ta' standard partikolari għal entrati ta' introjtu jew ta' spiża jew għal tranżazzjonijiet, fejn dak il-prinċipju jew standard ivarja mill-istandard finanzjarju użat fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali, huma aġġustati sabiex jikkonformaw mat-trattament meħtieġ għal dik l-entrata skont l-istandard kontabilistiku użat fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Regola dwar il-limitazzjoni tar-royalties
	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi kwalunkwe ammont ta' kostijiet tar-royalties u pagamenti tat-tariffi tal-liċenzja li għalihom l-introjtu korrispondenti derivat mill-membru tal-grupp tal-BEFIT riċevitur ikun soġġett għal rata tat-taxxa effettiva ta' inqas minn 9 %, dment li l-entità riċevitur ma twettaqx attività ekonomika sostantiva bl-appoġġ ta' persunal, tagħmir, assi u bini, kif evidenzjat minn fatti u ċirkostanzi rilevanti.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a
	Il-kostijiet tad-divertiment
	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat biex jinkludi 50 % tal-ammont tal-ispejjeż dovuti għall-kostijiet

	tal-ospitalità.

Emenda 37
Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat ***sabiex jiġu esklużi dawn li ġejjin:***	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat ***f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (e) tad-Direttiva (UE) 2022/2523.***

Emenda 38
Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ammont ta' kwalunkwe gwadann jew telf mhux realizzat minn skambju barrani fir-rigward ta' assi u ta' obbligazzjonijiet fissi;	***imħassar***

Emenda 39
Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont ta' kwalunkwe provvediment irreġistrat għal telf mhux realizzat minn skambju barrani.	***imħassar***

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Kumpaniji barranin ikkontrollati
	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat biex jinkludi l-introjtu mhux distribwit ta' entità jew stabbiliment permanenti ttrattat bħala kumpanija barranija kkontrollata kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2016/1164, li huwa derivat mill-kategoriji li ġejjin:
	(i) imgħax jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;
	(ii) royalties jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;
	(iii) dividendi u introjtu mid-disponiment ta' ishma;
	(iv) introjtu minn lokazzjoni finanzjarja;
	(v) introjtu minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, dawk bankarji, u attivitajiet finanzjarji oħra;
	(vi) introjtu minn kumpaniji tal-fatturazzjoni li jaqilgħu introjtu mill-bejgħ u mis-servizzi minn oġġetti u servizzi mixtrija mingħand intrapriżi assoċjati, u mibjugħa lil intrapriżi assoċjati, u li ma jżidu l-ebda valur ekonomiku jew iżidu ftit.

	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-kumpanija barranija kkontrollata twettaq attività ekonomika sostantiva appoġġata minn persunal, tagħmir, assi u bini, kif muri minn fatti u ċirkostanzi rilevanti.
	Meta l-kumpanija barranija kkontrollata tkun residenti jew tinsab f'pajjiż terz li mhuwiex membru taż-ŻEE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li joqogħdu lura milli japplikaw dan il-paragrafu.
	2. L-introjtu li għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/1164.

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament li jkun anqas minn EUR ***5000***.	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament li jkun anqas minn EUR ***7500***.

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-bini kollu kif ukoll	(a) il-bini kollu kif ukoll

kwalunkwe tip ieħor ta’ proprjetà immobbli u ta’ struttura li tintuża għan-negozju: ***28*** sena;	kwalunkwe tip ieħor ta’ proprjetà immobbli u ta’ struttura li tintuża għan-negozju***, bl-eċċezzjoni tal-bini u l-istrutturi industrijali***: ***30*** sena;

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-bini u l-istrutturi industrijali: 25 sena;

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f’konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7;	(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f’konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7***, iżda b’miimu ta’ 10 snin***;

Emenda 45
Proposta għal direttiva
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 22a
	Regoli ta’ deprezzament aċċellerat
	1. B’deroga mill-Artikolu 22, l-assi tanġibbli fissi akkwistati minn membri tal-grupp tal-BEFIT fil-kategoriji li ġejjin għandhom

ikunu soġġetti għal deprezzament aċċellerat mill-Istati Membri:

a) l-assi li jikkontribwixxu direttament għall-għanijiet klimatiċi u soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari t-titjib tat-teknoloġija nadifa, l-effiċjenza enerġetika u d-diġitalizzazzjoni;

b) l-assi li jikkontribwixxu direttament biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030;

c) l-assi li jikkontribwixxu direttament għat-titjib tad-difiża tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kapaċità tagħha li tipprevjeni u tirrispondi għat-theddid u l-kriżijiet emerġenti, f'konformità mal-Strateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-qafas u l-kriterji meħtieġa biex tħaddem il-paragrafu 1, inklużi l-kategoriji ta' assi eliġibbli għad-deprezzament aċċellerat. Kull 5 snin, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tar-reġim tad-deprezzament aċċellerat fil-paragrafu 1, billi tanalizza, b'mod partikolari, jekk il-miżuri:

a) humiex adattati għall-iskop tagħhom,

b) humiex mod kosteffettiv kif jintlaħqu l-objettivi ta' politika tagħhom,

c) ikollhomx xi implikazzjoni negattiva jew mhux mistennija.

Wara l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-att ta' implimentazzjoni kull 5 snin, fejn jitqies li hu meħtieġ. L-atti ta' implimentazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

3. Sa ... [3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' deprezzament aċċellerat eżistenti tagħhom fil-livell nazzjonali, imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-obbligu msemmi fl-Artikolu 48(2). L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' deprezzament aċċellerat ġodda tagħhom 6 xhur qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom fil-livell nazzjonali u f'konformità mal-obbligu previst fl-Artikolu 48(2).

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri ma

	għandhomx jagħtu aktar intitolamenti għad-deprezzament lil membru tal-grupp tal-BEFIT għajr dawk speċifikati f'din it-Taqsima.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni, il-kostijiet tal-kostruzzjoni jew il-kostijiet tat-titjib, flimkien mad-data tal-bidu tal-użu wara l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-titjib, għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru tal-assi fissi għal kull assi fiss separatament.	1. Il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni, il-kostijiet tal-kostruzzjoni jew il-kostijiet tat-titjib, flimkien mad-data tal-bidu tal-użu wara l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-titjib, għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru tal-assi fissi ***fi ħdan il-grupp tal-BEFIT*** għal kull assi fiss separatament.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-reġistru tal-assi fissi għandu jinżamm b'mod li jipprovdi informazzjoni suffiċjenti, inkluża data dwar id-deprezzament, sabiex jiġi kkalkolat ir-riżultat preliminari tat-taxxa ***u*** għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:	3. Ir-reġistru tal-assi fissi għandu jinżamm b'mod li jipprovdi informazzjoni suffiċjenti, inkluża data dwar id-deprezzament, sabiex jiġi kkalkolat ir-riżultat preliminari tat-taxxa***. Kopja tar-reġistru tal-assi fissi għandha tinżamm mill-grupp tal-BEFIT għal 5 snin mid-data li fiha jkun waqaf id-deprezzament ta' tali assi. Ir-reġistru tal-assi fissi*** għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.	Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab ***sa ħames snin*** qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.

Emenda 50
Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-Artikolu 9, meta, bħala riżultat ta' disponiment tal-ishma, membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp tal-BEFIT u matul dik is-sena fiskali preċedenti, dan il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun kiseb, fi tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT, assi fiss wieħed jew aktar, ***ammont*** li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jirriżulta mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT ta' dawn l-assi fissi għandu jiġi inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li kien sid l-assi qabel id-disponiment tal-grupp intra-BEFIT.	Minkejja l-Artikolu 9, meta, bħala riżultat ta' disponiment tal-ishma, membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp tal-BEFIT u matul dik is-sena fiskali preċedenti, dan il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun kiseb, fi tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT, assi fiss wieħed jew aktar, ***l-ammont*** li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jirriżulta mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT ta' dawn l-assi fissi għandu jiġi inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li kien sid l-assi qabel id-disponiment tal-grupp intra-BEFIT.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi.	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi ***skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/133/KE***.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi ***riportat*** u għandu jiġi paċut kontra l-bażi għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.	(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi ***paċut kontra l-introjtu taxxabbli tal-entità omm apikali*** u għandu jiġi ***riportat għal massimu ta' 5 snin u*** paċut kontra l-bażi għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss. ***It-tnaqqis għandu jkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni tal-entità omm apikali fis-sussidjarji kwalifikanti tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u għandu jkun sħiħ għall-istabbilimenti permanenti. It-tnaqqis tal-bażi għat-taxxa tal-kontribwent residenti ma għandux jirriżulta f'ammont negattiv.***

Emenda 53
Proposta għal direttiva
Artikolu 43 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kriterji ċari u armonizzati għad-determinazzjoni tas-sjieda benefiċjarja. Dawk il-kriterji għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tas-sistema ta' eżenzjoni, inaqqsu l-inċertezza legali, u jipprevjenu l-abbuż. Il-kriterji għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u allinjati, fejn xieraq, mal-istandards internazzjonali.

Emenda 54
Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju ***2035*** l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.	Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju ***2033*** l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal gruppi li jsiru soġġetti għal din id-Direttiva wara t-tmiem tal-ewwel sena fiskali meta din id-Direttiva tibda tapplika, il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju	Għal gruppi li jsiru soġġetti għal din id-Direttiva wara t-tmiem tal-ewwel sena fiskali meta din id-Direttiva tibda tapplika, il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju

2035.	***2033***.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***10*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;	(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***15*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'***10*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.	(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'***15*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.

Emenda 58
Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Minkejja l-Artikolu 13(2),	5. Minkejja l-Artikolu 13(2),

kostijiet tas-self eċċessivi kif imsemmijin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 li jirriżultaw minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jġarrab it-tali kostijiet.	kostijiet tas-self eċċessivi kif imsemmijin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 li jirriżultaw minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jġarrab it-tali kostijiet. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu lin-negozji jnaqqsu dawn ir-riskji.***

Emenda 59
Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.	***imħassar***

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8 għandhom ikomplu japplikaw ***sakemm tidħol fis-seħħ*** kwalunkwe emenda ***tagħhom***.	10. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8 għandhom ikomplu japplikaw ***sad-dħul fis-seħħ ta'*** kwalunkwe emenda ***proposta skont l-Artikolu 77(b)***.

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.	2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista'***, soġġett għad-Direttiva (UE) 2022/2523,*** jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Stat Membru li jipprovdi inċentivi għar-riċerka u l-iżvilupp għandu joqgħod lura milli joffri inċentivi bbażati fuq l-output, bħal sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi, li jnaqqsu l-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti f'dak l-Istat Membru għall-

	finijiet ta' taxxa jew li jinsabu fih fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Emenda 63
Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja li tirriżulta mill-interazzjoni bejn din id-Direttiva u t-trattati bilaterali dwar it-taxxa ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jipprovdu aġġustamenti korrispondenti f'konformità mal-obbligi tagħhom tat-trattat. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni u, fejn xieraq, toħroġ linji gwida biex tippromwovi applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha.

Emenda 64
Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***4*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.	2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (d), is-subpunt (ii), id-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li ntużat biex tinbena l-bażi għat-taxxa BEFIT imsemmija f'dik id-dispożizzjoni għandha tinżamm għal 10 snin sabiex titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT huma residenti għall-finijiet ta' taxxa jew li fihom jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-timijiet tal-BEFIT għandhom jużaw il-proċeduri kollha eżistenti u l-arranġamenti kollha offruti mid-Direttiva 2011/16/UE[1a] biex jiżguraw kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali.
	_____
	[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-

	tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj).

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***tliet xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jattribwixxu riżorsi umani adegwati lit-tim tal-BEFIT, inkluż billi jipprovdu taħriġ fil-kontenut u fil-lingwa lir-rappreżentanti tat-tim tal-BEFIT.

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni kkomunikata bejn il-membri ta' tim tal-BEFIT, għandha tiġi	3. L-informazzjoni kkomunikata bejn il-membri ta' tim tal-BEFIT, għandha tiġi

pprovduta b’mezzi elettroniċi sa fejn ikun possibbli, permezz tal-użu ta’ għodda kollaborattiva tal-BEFIT.	pprovduta b’mezzi elettroniċi sa fejn ikun possibbli, permezz ***ta’ konnessjoni sigura jew network sigur, permezz*** tal-użu ta’ għodda kollaborattiva tal-BEFIT.

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex jiġu ffaċilitati l-operat u l-komunikazzjoni tat-tim tal-BEFIT, il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistandardizza l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri ta’ tim tal-BEFIT billi jsir użu minn għodda kollaborattiva tal-BEFIT. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 73.	4. Sabiex jiġu ffaċilitati l-operat u l-komunikazzjoni tat-tim tal-BEFIT, il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistandardizza l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn il-membri ta’ tim tal-BEFIT billi jsir użu minn għodda kollaborattiva tal-BEFIT ***u tappoġġa t-trażmissjoni sigura tal-informazzjoni***. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 73.

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f’waqtha ta’ tali	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***tliet xhur*** mis-sottomissjoni f’waqtha ta’ tali

dikjarazzjoni.	dikjarazzjoni.

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 65 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tibda u tikkoordina awditi tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.	1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tibda u tikkoordina awditi tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru. ***Dik l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-membri l-oħra tat-tim tal-BEFIT fi żmien xahar mill-bidu ta' tali awditu.***

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 67 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut ***tal-assi*** tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn wara li*** l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut ***tal-valutazzjoni*** tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***tliet xhur minn meta*** l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell

jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista’ jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.	amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista’ jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 68 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 66 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, l-entità dikjaranti għandu jkollha d-dritt li tappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** mir-riċevuta tad-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi. Appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti.	1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 66 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, l-entità dikjaranti għandu jkollha d-dritt li tappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti fi żmien ***3 xhur*** mir-riċevuta tad-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi. Appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta’ stabbiliment permanenti.

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn wara li*** tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***3 xhur minn meta*** tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli, ***minkejja kwalunkwe limitu ta'*** żmien ***fil-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri***.	Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa ***tal-grupp tal-BEFIT jew għall-valutazzjonijiet tat-taxxa*** individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli, ***fi*** żmien ***perjodu ta' 10 snin***.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom	L-Istati Membri għandhom

jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.	jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-penali għandhom jiġu ffissati għar-rata minima ta' 0,1 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT f'konformità mal-Artikolu 59 u f'każ ta' rapportar ħażin apposta f'dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT.***

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Bħala parti mill-evalwazzjoni tal-BEFIT imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni u tiżviluppa metodu permanenti għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT. L-iżvilupp tal-metodu permanenti għandu jkun preċedut minn valutazzjoni tal-impatt komprensiva u konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet ikkonċernati, f'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva u tintroduċi metodu permanenti għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT li tissostitwixxi l-formula ta' allokazzjoni tranżizzjonali. Il-metodu permanenti għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandu jqis il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt komprensiva u għandu jinkorpora l-erba' fatturi li ġejjin: il-bejgħ, ix-xogħol, l-assi u l-preżenza diġitali.

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni ***u tad-Direttiva*** (UE)	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq***:***

2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

(i) l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni***;***

(ii) ir-rabta ma' atti leġiżlattivi oħra fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll is-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021***;***

(iii) ir-rilevanza tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-estensjoni potenzjali tagħha għal gruppi kbar kif imsemmi fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

(iv) ir-rilevanza tat-tneħħija tal-esklużjoni tal-introjtu mit-tbaħħir mir-riżultat preliminari tat-taxxa;

(v) l-impatt fuq it-trattati kontra t-taxxa doppja;

(vi) l-impatt tal-koeżistenza ta' żewġ sistemi tat-taxxa, fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, fuq il-piż amministrattiv għall-imprendituri u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa li jirriżulta mill-applikazzjoni

	tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II;
	(vii) l-impatt tal-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa fuq id-dħul tal-Istati Membri;
	(viii) l-impatt tal-koeżistenza ta' sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 49, ma' sistemi tradizzjonali tat-taxxa korporattiva li jiddependu mit-taxxi annwali fuq il-profitti korporattivi;
	(ix) l-interazzjoni tat-trattati bilaterali dwar it-taxxa ta' qabel l-adeżjoni mad-deroga minn din id-Direttiva kif imsemmi fl-Artikolu 2(2).

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 għandha tinżamm kunfidenzjali mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mal-Artikolu 76 ta' din id-Direttiva.	4. L-informazzjoni kkomunikata ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 għandha tinżamm kunfidenzjali mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mal-Artikolu 76 ta' din id-Direttiva.